**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Mejju, 2017.

Talba Numru: 391/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 26

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Toolsman Hardware Limited (C-29253)**

**V. Attard**

**Triq San Tumas,**

**Tarxien**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand is-Socjeta' konvenuta s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1527.93c) in konnessjoni ma' diversi servizzi moghtija lis-Socjeta' konvenuta mis-Socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-

termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta' attriċi u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Soċjeta` attriċi is-somma ta' elf, hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1527.93c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**